**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA 10 TA' APRIL, 2002**

**Numru: 17**

**Avviz Nru: 941/01AE**

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Daphne Caruana Galizia sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Daphne Caruana Galizia**

**vs**

**Charles Borg.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' erbgha mija u sebgha u tmenin lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm487.63), rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident tat-traffiku li sehh f'Mgarr Road, Mgarr fit-28

ta' April 1999 bejn il-vettura bin-numru HAP 384 misjuqa mill-attrici u l-vettura bin-numru CAS 051 misjuqa mill-konvenut, u ghal liema incident kien unikament responsabbli l-konvenut.

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat naqas milli jidher u jikkontesta l-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ikkunsidra:

1. Il-kawza odjerna titratta incident tat-traffiku li sehh f'Mgarr Road, Mgarr fit-28 ta' April 1999 bejn il-vettura Fiat Bravo bin-numru HAP 384 misjuqa mill-attrici u l-vettura Subaru bin-numru CAS 051 misjuqa mill-konvenut.

2. Mill-provi rrizulta li fil-hin ta' l-incident, l-attrici kienet ser iddur fuq il-lemin taghha sabiex tidhol fit-triq li twassal ghall-iskola San Andrea. Jidher li f'dak il-hin giet minn wara l-vettura misjuqa mill-konvenut, li ghamlet manuvra ta' sorpass. Kien f'dak il-mument li sehh l-incident in kwistjoni. L-attrici kkonfermat li hija kienet xelghet l-*indicator* sabiex tati pre-avviz tal-manuvra li kienet ser taghmel lill-vetturi ta' warajha.

3. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut huwa unikament responsabblli ghall-incident. Ma kellux jaghmel manuvra ta' sorpass meta qieghed jara l-vettura ta' quddiemu qeghda iddur. Min-naha l-ohra l-konvenut ma ressaq l-ebda prova li biha seta' jitfa' htija fuq l-attrici.

4. Dwar id-danni reklamati, dawn jirrizultaw sodisfacentement ippruvati (ara Dok. MA1).

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi:

1. Jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fit-28 ta' April 1999 gewwa Mgarr Road, Mgarr.

2. Jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erbgha mija u sebgha u tmenin lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm487.63) in lineja ta' danni.

Bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba, u bl-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**